MALTA COMMUNICATIONS AUTHORITY

**Stqarrija għall-Aħbarijiet** I 15 t'April, 2015

# L-MCA tniedi eżerċizzju ta' konsultazzjoni fuq l-aċċess virtwali għal *Fibre-to-the-Home*

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni (MCA) nehdiet eżerċizzju ta' konsultazzjoni bil-pubblikazzjoni ta' rapport li jitratta l-qasam ta' l-aċċess virtwali għal infrastruttura tal-*Fibre-to- the-Home* (FTTH) fejn dan jitqiegħed mill-kumpanija GO plc.

Din is-soluzzjoni tippermetti li operaturi lokali jkunu jistgħu jixtru l-aċċess virtwali għal infrastruttura tal-*Fibre to the Home* (FTTH) mingħand GO plc. Fil-konsultazzjoni tagħha, l-Awtorità tiddefinixxi s-soluzzjoni teknika ta' kif għandu jingħata l-aċċess u tiddeskrivi il-mod ta' kif ser jiġu stabbiliti il-prezzijiet li bihom ser jingħata dan l-istess aċċess lil operaturi oħra. Permezz ta' din il-konsultazzjoni, l-Awtorità trid tassigura li l-aċċess jiġi mogħti b'mod ġust lil kulħadd. Fl-istess waqt l-Awtorità riedet ukoll li jiġi aċċertat li l-investiment sostanzjali ta' GO plc f'din l-infrastruttura ma jiġix ippreġudikat. L-Awtorità daħlet fi proċess ta' konsultazzjoni privata ma' GO plc fuq l-aspetti kollha ta' din is-soluzzjoni, u issa qiegħda toħroġ id-dokument għal konsultazzjoni pubblika.

Dan għandu jwassal għal-servizzi tal-internet li jkunu kompettitivi, affidabbli, u tal-aqwa kwalita'. Dan igawdu minnu kemm ir-residenti u kif ukoll l-entitajiet kummerċjali Maltin, b'mod li jkompli jqarreb lil pajjiżna lejn il-miri ta' l-Aġenda Digitali Ewropeja 2020 u jqiegħed lill-pajjizna fuq quddiem fl-Ewropa f'dik li hi konnettivita' b'*high speed broadband.*

Id-dokument tal-konsultazzjoni jista' jinsab fuq il-website tal-MCA:
http://www.mca.org.mt/consultations/virtual-unbundled-access-fibre-home-implementing-vula-remedy

Għal aktar informazzjoni, tista' tikkuntattja lil:
Sharon Scerri, Koordinatur tar-Relazzjonijiet mal-Media u l-Komunikazzjoni Online, Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni
Tel: 2205 9406, Mob: 9906 6200, Imejl: sharon.scerri@mca.org.mt
Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, Valletta Waterfront, ix-Xatt ta' Pinto, Floriana FRN 1913 Tel: (+356) 21 336 840